**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru: 166/2019 RM**

**Tapram Limited (C37098)**

**-Vs-**

**Talocan Limited (C51275)**

**Illum, 6 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjeta` attrici Tapram Limited ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Awwissu 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Talocan Limited tħallasha s-somma globali fl-ammont ta' tlettax -il elf, hames mija u hamsa u sittin ewro u dsatax -il centezmu (€13,565.19) inkluz il-VAT, liema ammont jirraprezenta kiri ta' vettura u kif ukoll multi fuq l-istess vetturi li gew mikrija lilha matul il-perjodu bejn il-31 ta' Dicembru 2016 u l-31 ta' Marzu 2019, u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Bl-ispjejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1286/2019 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru: 1092/2019 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta Talocan Limited (C 51275) pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Settembru 2019 fejn eccepew is-segwenti:

1. *Illi mhux minnu li l-intimata ghadha thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €13,565.19 kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*
2. *Illi l-intimati ghamlu diversi pagamenti u r-rikorrenti ghandu jirrikonoxxi dawn l-istess pagamenti;*
3. *Illi jekk huwa dovut bilanc dan ghandu jigi spjegat b'mod car billi jinghataw fatturi li jindikaw id-data minn meta gew mikrija l-vetturi, in-numru tal-vettura mikrija u t-tip ta' vettura li giet mikrija, u z-zmien li giet mikrija l-imsemmija vettura, u l-intimat jirriserva l-posizzjoni tieghu;*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunti ghas-subizzjoni.*

Semgħet ix-xhieda inkluż ta' Mario Mallone fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 u fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021;

Rat il-provi fosthom iż-żewġ Affidavits ta' Patrick Xuereb u l-Affidavit ta' Lydon Azzopardi u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ppreżentata mis-soċjeta' attriċi fil-11 ta' Jannar 2021 fejn is-sorte mitlub fir-Rikors promotur ġie ridott għas-somma ta' tnax-il elf sitt mija u sitt Euro u disa' ċentemżi (€12,606.09);

Rat in-nota ippreżentata fil-14 ta' Ġunju 2021 mill-istralċarju tas-soċjeta' konvenuta, ir-Riċevitur Uffiċjali Dr. Kevan Azzopardi, u l-kopja annessa tad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) mogħtija fil-25 ta' Frar 2021 fl-atti tar-Rikors Numru 58/2020 fl-ismijiet **Dr. Antoine Naudi noe v. Talocan Limited**, fejn *inter alia* ordnat ix-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tas-soċjeta' konvenuta b'effett mit-8 ta' Ottubru 2020 u appuntat ir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċarju tal-istess soċjeta' konvenuta;

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-20 ta' Ġunju 2022 fl-atti tal-imsemmi Rikors bin-Numru 58/2020, anness man-nota tas-soċjeta' attriċi tat-28 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjeta' Tapram Limited u awtorizzat it-tkomplija tal-proċeduri odjerni;

Semgħet lill-istralċarju tas-soċjeta' konvenuta jiddikjara fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2022 illi l-istess soċjeta' konvenuta ma għandhiex provi xi tressaq f'din il-kawża;

Semgħet lis-soċjeta' attriċi u lill-istralċarju tas-soċjeta' konvenuta jiddikjaraw fl-istess seduta tas-7 ta' Lulju 2022 li l-kawża tista' tiġi mħollija għad-deċiżjoni;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qegħda titlob il-ħlas ta' bilanċ dovut fuq prezz ta' kiri ta' vetturi lis-soċjeta' konvenuta kif ukoll fuq kontravvenzjonijiet tat-traffiku mill-vetturi mikrijin lill-istess soċjeta' konvenuta. Filwaqt li oriġinarjament is-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas tal-ammont ta' €13,565.19, in segwitu irriduċiet dan l-ammont formalment għas-somma ta' €12,606.09.

Is-soċjeta' konvenuta ċaħdet li għandha tagħti l-ammont li ġie reklamat mis-soċjeta' attriċi u dan għaliex hija għamlet diversi pagamenti lis-soċjeta' attriċi. Tikkontendi illi kwalunkwe ammont mitlub għandu jirrifletti dawn il-pagamenti u jekk jifdal bilanċ, dan għandu jiġi mfisser permezz ta' fatturi dettaljati sabiex hija tkun tista' tirregola l-pożizzjoni tagħħa.

Rinfaċċjata b'din l-eċċezzjoni, is-soċjeta' attriċi għaddiet biex tippreżenta fl-atti *statement of account*[1] kif ukoll il-fatturi kollha individwali fir-rigward ta' kull *item* indikat fl-istess *statement*[2], bi spjega tal-ammonti kollha reklamati in konnessjoni ma' kull vettura mikrija lis-soċjeta' konvenuta.

In segwitu, is-soċjeta' konvenuta ppreżentat permezz ta' nota tat-30 ta' Ottubru 2020, sett ta' tmien *cheques* li nħarġu lis-soċjeta' attriċi in linea ta' pagament ta' diversi fatturi u s-soċjeta' attriċi rrejaġixxiet billi riduċiet bis-somma ta' €959.10 mill-ammont reklamat minnha fir-Rikors promotur u dan biex il-bilanċ aġġustat jirrifletti l-pagamenti kollha li tħallsu lilha mis-soċjeta' konvenuta u li ma kienux diġa' tnaqqsu mill-ammont kif oriġinarjament reklamat. Patrick Xuereb, id-direttur tas-soċjeta' attriċi, xehed ulterjorment permezz ta' Affidavit[3] biex ifisser kif ħlief għal *cheque* wieħed biss b'pagament fis-somma ta' €959.10, il-bqija tal-pagamenti li saru permezz taċ-*cheques* prodotti mis-soċjeta' konvenuta kienu diġa' ttieħdu in konsiderazzjoni fl-i*statement of account* jew inkella, kienu pagamenti li saru fuq kuntratti ta' kiri ta' vetturi li m'humiex inklużi fl-i*statement of account* mertu ta' din il-kawża.

Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha u qabblet ukoll il-fatturi individwali mal-i*statement of account* Dok. A[4] anness mal-Affidavit ta' Patrick Xuereb u fehmet illi l-pagamenti li saru permezz ta' dawk ic-*cheques* invokati mis-soċjeta' konvenuta u li ma jiffigurawx diġa' fl-istess *statement of account*, ġew effettwati in kwantu l-kiri ta' diversi vetturi oħrajn (EQZ336, BQZ809, FQZ503, CQZ421, BQZ653, FQZ494,

---

[1] Dok. A, fol. 13 u Dok. C, fol 94 – dawn huma identiċi.
[2] Vide nota tat-23 ta' Jannar 2020 u dokumenti Dok. B sa Dok. B26.
[3] Affidavit ta' Patrick Xuereb ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2021.
[4] Fol. 13, l-istess bħal Dok. C, fol. 94.

IQZ258, EQZ451 u FQZ504), liema kirjiet jidher li huma distinti u kienu qed jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta separatament mill-kiri taż-żewġ vetturi FQZ-505 u AQZ-327. Kemm hu hekk, diversament minn dawn iż-żewġ vetturi tal-aħħar, li l-prezz tal-kiri tagħhom kien jiġi fatturat regolarment kull xahar flimkien mal-ammont dovut fuq kontravvenzjonijiet tat-traffiku, il-prezz tal-kiri għal kull xahar tal-vetturi l-oħrajn fuq imsemmija ma jidher imkien fl-i*statement of account* Dok. A. Minflok, dan l-i*statement* fih biss fattura waħda għal kull waħda minn dawn il-vetturi, liema fatturi jkopru b'mod ġenerali l-perijodu bejn Novembru 2018 u Diċembru 2018, għalkemm huwa evidenti illi dawn il-vetturi kienu ġew mikrija lis-soċjeta' konvenuta qabel dan il-perijodu[5] (iżda f'kull każ, ferm wara l-kiri taż-żewġ vetturi AQZ-327 u FQZ-505[6]).

Konfrontata bl-ispjega tas-soċjeta' attriċi dwar il-mod kif ġew akkreditati l-pagamenti invokati mis-soċjeta' konvenuta in sostenn tat-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tagħha, is-soċjeta' konvenuta naqset milli tirribatti x-xhieda ġuramentata tad-direttur tas-soċjeta' attriċi dwar l-allokazzjoni ta' dawn il-pagamenti u naqset li tressaq provi ulterjuri. Fir-rigward, hija f'lokha l-osservazzjoni li ż-żewġ *cheques*[7] li skont is-soċjeta' konvenuta inħarġu biex jitħallsu l-fatturi FC017 u TL025[8] u li ma ġewx imnaqqsin mill-bilanċ indikat fl-i*statement of account*, inħarġu fil-5 ta' Ottubru 2018 ċioe' ferm qabel id-data tal-fatturi relattivi. Għalhekk ftit hija attendibbli l-verżjoni tal-istess soċjeta' konvenuta li dawn iċ-*cheques* inħarġu biex iħallsu proprju l-fatturi fuq imsemmija u fir-rigward, il-Qorti tqis li għandha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tas-soċjeta' attriċi.

Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm il-prova tal-pagament kienet tispetta unikament lis-soċjeta' konvenuta – ġaladarba issollevat l-eċċezzjoni hija stess – baqgħet ma għamlet xejn biex tikkontesta l-allokazzjoni tal-pagamenti li hija għamlet lis-soċjeta' attriċi, jew biex turi kif din l-allokazzjoni ma saritx korrettement. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta' attriċi rnexxielha tipprova sodisfaċjentement illi l-

[5] Ara kontravvenzjonijiet li jirrisalu sa Lulju 2018.
[6] Dawn iż-żewġ vetturi jidher li kienu ilhom mikrijin qabel Diċembru 2016.
[7] Bin-numri 311 u 312, fol. 66.
[8] Fis-somma ta' €367.85 u €1,264.88 rispettivament, entrambi datati 30 ta' Novembru 2018.

ammont bilanċjali reklamat minnha wara li ġie akkreditat il-pagament fis-somma ta' €959.10, ġie komputat korrettement.

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-import tal-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur, mill-provi jirriżulta li dan jirrappreżenta l-prezz tal-kiri ta' diversi vetturi mikrijin lis-soċjeta' konvenuta, kif ukoll ammont sostanzjali dovut fuq kontravvenzjonijiet tat-traffiku kommessi mill-utenti ta' dawn il-vetturi. L-ammonti kollha tal-*items* elenkati fl-i*statement of account* Dok. A huma identifikati individwalment fil-fatturi esebiti mis-soċjeta' attriċi, fatturi li fihom il-perijodu speċifiku li għalih qed jintalab il-ħlas tal-prezz tal-kiri ta' kull vettura, in-numru tal-vettura mikrija kif ukoll il-partikolaritajiet kollha tal-kontravvenzjonijiet: dettallji li ġew mitluba mis-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha. Iżda minkejja dan u minkejja wkoll li għamlet riżerva espressa fir-Risposta biex tirregola l-pożizzjoni tagħha wara li jiġu prodotti l-fatturi kollha relevanti, is-soċjeta' konvenuta baqgħet ma kkontestatx l-ammont bilanċjali pretiż wara li ġiet konfrontata bil-fatturi u jew wara li s-sorte mitlub fir-Rikors promotur ġie ridott.

Illi kif paċifikatament ritenut in tema tal-grad tal-prova rikjest fil-kamp ċivili, jingħad illi filwaqt li huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegat fl-att promotur, l-oneru tal-prova kemm fuq l-attur u kemm fuq il-konvenut, għandu jkun l-istess, ċioe il-bażi ta' probabbilitajiet li tinstawra ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li verżjoni hi aktar verosimili jew probabbli minn oħra[9].

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, huwa evidenti li s-soċjeta attriċi ressqet provi li fl-assjem tagħhom, fosthom dokumentazzjoni ampja u dettalljata li ġiet imfissra bl-iktar mod limpidu fix-xhieda ġuramentata tad-direttur tal-istess soċjeta' attriċi, jikkonvinċu lill-Qorti li l-ammont minnha reklamat huwa effettivament dovut. Fix-

[9] Vide Appell Civili **Paul Vassallo vs Carmelo Pace** (Vol. LXX.ii.144) u **Redent Briffa et v. Etienne Brincat et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Mejju 2017.

xhieda tiegħu Patrick Xuereb ikkonferma wkoll illi l-bilanċ pretiż wara li ġie mnaqqas il-pagament fis-somma ta' €959.10, baqa' qatt ma tħallas mis-soċjeta' konvenuta u dan għadu dovut.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mis-soċjeta' konvenuta li, kif ingħad, baqgħet ma ressqet l-ebda prova għajr għall-prova tal-pagamenti li għamlet akkont tal-ammonti fatturati lilha, liema ammonti kif rajna ilkoll ġew meqjusin mis-soċjeta' attriċi fil-komputazzjoni tal-bilanċ reklamat minnha. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad meħtieġ fi proċeduri ċivili, illi l-bilanċ mitlub minnha ta' €12,606.09 huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha biss safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba ta' TAPRAM LIMITED limitatament billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta TALOCAN LIMITED tħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' tnax-il elf sitt mija u sitt Euro u disa' ċenteżmi (€12,606.09) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjeż mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**